

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-15 ta' Diċembru 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal da Relação do Porto – il-Portugall) – Alberto José Vieira de Azevedo et vs CED Portugal Unipessoal, Lda, Instituto de Seguros de Portugal – Fundo de Garantia Automóvel**

(Kawża C-558/15) <sup>(1)</sup>

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà — Direttiva 2000/26/KE — Artikolu 4(5) — Impriża ta' assigurazzjoni — Rappreżentant għal pretensjonijiet — Poder suffiċjenti ta' rappreżentanza — Tressiq ta' azzjoni quddiem il-qrati)*

(2017/C 046/08)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

### Qorti tar-rinviju

Tribunal da Relação do Porto

### Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Alberto José Vieira de Azevedo, Maria da Conceição Ferreira da Silva, Carlos Manuel Ferreira Alves, Rui Dinis Ferreira Alves, Vítor José Ferreira Alves

Konvenuti: CED Portugal Unipessoal, Lda, Instituto de Seguros de Portugal – Fundo de Garantia Automóvel

Fil-preżenza ta': Instituto de Seguros de Portugal – Fundo de Acidentes de Trabalho

### Dispożittiv

L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2000/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Mejju 2000, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward l-assigurazzjoni kontra r-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 72/239/KEE [73/239/KEE] u 88/357/KEE (Ir-raba' Direttiva dwar assigurazzjoni għall-vetturi), kif emendata bid-Direttiva 2005/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jimponix fuq l-Istati Membri li jipprevedu li r-rappreżentant responsabbli, skont dan l-artikolu, għall-pagament tal-pretensjonijiet jista' jittressaq bħala konvenut huwa stess, minflok l-impriża ta' assigurazzjoni li huwa jirrappreżenta, quddiem il-qorti nazzjonali adita b'rikors għad-danni ppreżentat minn persuna leża li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2000/26, kif emendata bid-Direttiva 2005/14.

<sup>(1)</sup> ĠU C 16, 18.1.2016.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-14 ta' Diċembru 2016 – SV Capital OÜ vs Awtorità Bankarja Ewropea (EBA), Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-577/15 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell — Talba għall-ftuħ ta' investigazzjoni tal-Awtoritajiet tas-Sorveljanza Estonjani u Finlandiżi — Deċiżjoni tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) — Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-Awtoritajiet Ewropej ta' Sorveljanza — Regolament (UE) Nru 1093/2010 — Artikoli 17 u 60 — Bord tal-Appell — Terminu tar-rikors — Żball skużabbli)*

(2017/C 046/09)

Lingwa tal-proċedura: l-Ingliż

### Partijiet

Appellanti: SV Capital OÜ (rappreżentanti: M. Greinoman, vandeadvokaat)

Partijiet oħra fil-proċedura: Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) (rappreżentanti: J. Overett Somnier u Z. J. Giotaki, aġenti, assistiti minn F. Tuytschaever, avukat), Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: W. Mölls u K.-P. Wojcik, aġenti)